**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 18 ta' Ottubru 2019**

**Kawza Numru 733/17**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**Vs**

**Anthony Xuereb**
**(Karta tal-Identita numru 36966 G)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Xuereb akkuzat talli nhar it-tletin (30) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017) ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs) gewwa l-awla tal-Qorti ta' Ghawdex li tinsab fil-Pjazza tal-Katidral, ir-Rabat, Ghawdex jew fil-vicinanzi :

1. Ingurja jew hedded lill-Magistrat Dr. Monica Vella LL.D. waqt li kienet qeghda taghmel jew minhabba li kienet ghamlet id-dmirijiet taghha, jew bil-hsieb li jbezza, inkella jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 93 (1) tal-Kapitolu 9 ;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja bl-iskop li jtellef jew naqqas il-gieh tal-Magistrat Dr. Monica Vella LL.D. li kontra taghha giet maghmula u dan bi ksur tal-Artikolu 93 (2) tal-Kapitolu 9 ;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi tkellem jghajjat fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja b'mod li ddisturba s-seduti tal-Qrati u dan bi ksur tal-artikolu 26 (1) (c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 ;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 ;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li kien inkarigat mis-servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 ;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa r-Rabat, Ghawdex gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazzez b' periklu li jahbat ma xi hadd u jwegghu u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (cc) tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Magistrat Dr. Monica Vella LL.D. billi tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-Magistrat Dr. Monica Vella u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' reati relatati ma' allegat incident li beda fl-awla tal-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Monica Vella u kompla barra l-bini tal-Qorti ta' Ghawdex.

Jirrizulta illi fil-gurnata tat-30 ta' Novembru 2017 il-Qorti, kif presjeduta mill-Magistrat Vella, ippronunzjat sentenza fil-konfront ta' Helen Katrina Milligan li evidentement ma ghogbotx lill-imputat, kwerelant f'dawk il-proceduri, peress li Milligan giet liberata. Skond il-verbal dettat dak il-hin stess mill-Magistrat Vella gie mnizzel is-segwenti: **"The Court, in view of the outburst of the injured party Anthony Xuereb following the reading out of the judgement whereby the injured party uttered words of contempt directed at the Court in an**

**outrageous manner, shouting and in the most uncivil manner and in particular insulted the Court by shouting that "Article 339 does not need proof of intention of the accused"."**

**Joseph Grech**, Deputat Registratur, spjega li huwa kien id-Deputat Registratur waqt is-seduta in kwistjoni u malli l-Magistrat Vella tat is-sentenza l-imputat beda miexi 'l barra u hu u miexi 'l barra beda jargumenta b'lehen pjuttost gholi b'xi haga, b'xi artikolu. Jispjega illi huwa fehem biss il-kelma "article" minn dak li kien qieghed jghid l-imputat. Jghid li l-Magistrat talbet lill-Ispettur biex igib lill-imputat lura fl-Awla pero` dan ma sarx ghax l-imputat baqa' sejjer 'il barra. Wara dan gie ddettat il-verbal li jinsab riprodott a fol. 42 u 43 tal-process.

**Doreen Calleja,** messaggier prezenti fl-awla ghas-seduta in kwistjoni, stqarret illi wara li l-Magistrat Vella tat is-sentenza, l-imputat gholla naqra lehnu u mexa 'l barra mill-awla, pero` hi ma fehmitx x'kien qieghed jghid. Tispjega li l-imputat kien qieghed jindirizza lill-Magistrat meta beda jitkellem.

**L-Ispettur Bernard Charles Spiteri**, spjega illi huwa kien prezenti fl-Awla dakinhar ta' dan l-incident. Jghid li malli nghatat is-sentenza l-imputat beda jcaqlaq rasu u hu u hiereg 'il barra beda jghid b'lehen gholi li artikolu 399 tal-Kapitolu 9 ma kienx hemm bzonn ikun hemm l-intenzjoni biex tinstab il-htija. Jispjega li qabel hareg mill-Awla semghu jghid ukoll "this is shit!". Jispjega li fuq ordni tal-Magistrat huwa hareg biex jerga' jiehu lill-imputat fl-Awla pero` l-imputat ma obdiex u baqa' sejjer. Il-Magistrat regghet tat ordni biex jingieb quddiemha pero` meta l-Ispettur tah ordni biex jerga' jidhol fil-bini tal-Qorti huwa qallu "jekk trid taqbadni ejja igri warajja." Ghalkemm grew warajh, tilfuh, u baqa' ma nstabx dakinhar. Madankollu l-ghada filghodu l-imputat irraporta gewwa l-Ghassa tar-Rabat u gie infurmat li kien qieghed jigi arrestat.

**Il-Magistrat Dr. Monica Vella** xehdet illi waqt li kienet qieghda taqra d-*decide* tas-sentenza *The Police vs Kartina Helen Milligan* l-imputat beda jghajjat "qisu annimal selvagg". Tispjega li l-ewwel beda jghajjat "*bullshit! bullshit"* u hi harset lejh u baqghat ghaddejja. Wara beda sejjer *"whitewash!whitewash!"* Tispjega li wara li ccekkjat xi tfisser din il-kelma sabet li kienet tfisser "ejja ha mmorru" speci li kienet qieghda taghti sentenza biex tehles. Tispjega li mbaghad l-imputat beda hiereg 'il barra, indirizziha u qalilha *"don't you know that article 339 does not need any intention!".* Qabel hareg hi ordnatlu jibqa' fejn hu pero` l-imputat hareg 'il barra u ghalhekk ordnat lill-Ispettur iwaqqfu. Stqarret illi b'dan l-agir hija hasset li l-imputat kien ikkommetta disprezz lejha u lejn l-istituzzjoni tal-Qorti. Tispjega li l-kliem li qal l-imputat jikkonstitwixxi tghajjir lejha bhala gudikant fil-

forma ta' ingurja ghax b'dak il-kliem l-imputat ried ifiser li hija ma tafx il-principji legali u li kienet qieghda tiddeciedi kontra l-ligi.

**Dr. Joshua Grech** spjega li dakinhar ta' dan l-incident huwa kien qieghed jassisti lil Helen Milligan. Jispjega li l-imputat ma kienx ha gost bis-sentenza pronunzjata u ghadda xi kummenti pero` ma jafx kinux indirizzati lill-Magistrat jew inkella kinux kummenti in generali. Mid-diskors li qal l-imputat jiftakar il-kliem *"whitewash! Whitewash! It is all whitewash!"* Jiftakar ukoll li l-Magistrat waqqfitu stante li d-diskors kien qieghed jinghad b'lehen gholi pero` jaf li talbet lill-imputat jirrepeti dak li kien qal.

**Salvu Cassar,** persuna li kienet prezenti fl-Awla waqt dan l-incident, spjega illi lill-imputat semghu igerger u rah hiereg mghaggel mill-Awla pero` ma fehem xejn milli kien qieghed jghid pero` ma rah jindirizza lil hadd b'dak li kien qieghed jghid.

**Helen Katrina Milligan** spjegat illi kif il-Magistrat Vella kienet tat is-sentenza l-imputat qal il-kliem *"this is bullshit! Utter bullshit!"* u hareg 'il barra. Tispjega li l-Magistrat Vella ghajjtitlu lura pero` hu baqa' hiereg mill-Awla. Ftakret ukoll li qabel qal dan il-kliem, l-imputat kien qal xi kliem iehor li pero` hija ma fehmitx pero` jista' jkun li qal xi haga bhal *"this is whitewash!"*

**Ikkunsidrat:**

Illi jibda biex jinghad illi ghalkemm l-imputat gie mressaq b'arrest quddiem din il-Qorti diversament presjeduta l-ghada tal-allegat incident, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2018 il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fil-komparixxi peress li rrizulta li l-imputat kien notifikat b'komparixxi kontenenti biss hames imputazzjonijiet mentri dik ipprezentata in atti kien fiha sitt imputazzjonijiet. Intalbet ukoll korrezzjoni fit-tielet imputazzjoni. Fl-imsemmija seduta l-imputat talab li jerga' jigi notifikat mill-gdid, liema notifika saret seduta stante. Ghalhekk in vista ta' dan ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni jirrizultaw li gew preskritti bid-dekors ta' tliet xhur. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, skond il-komparixxi, din inghatat ai termini tal-artikolu 26 (1) (c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe`, illi hadd ma jista', taht piena ai termini tal-artikolu 990 tal-Kapitolu 12, jitkellem jghajjat fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja b'modli jiddisturba s-seduti tal-Qrati. Illi skont ic-citat artikolu 990 huwa l-imhallef jew il-magistrat li quddiemu jkun sar l-att li jista' jikkundanna lill-kontravventur. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tista' tirraviza l-ebda reat kriminali f'din l-imputazzjoni. Semmai, kif diga intqal, tali agir jista' jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u l-gudikant sedenti

jista' jiehu dawk il-provvedimenti msemmija f'artikolu 990 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk il-Qorti issa se tinvesti l-ewwel u t-tieni imputazzjoni addebitati lill-imputat. Illi r-reat principali ipotizzat permezz ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet fil-kaz odjern huwa dak tal-ingurja aggravata.

L-artikolu 93(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*"(1) Kull min jingurja jew ihedded imhallef, jew l-Avukat Generali, jew magistrat, jew gurat, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel jew minhabba li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu, jew bil-hsieb li jbezzghu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn disa' sa tmintax-il xahar u ghal 3 multa ta' mhux inqas minn hames mitt euro (500) u mhux izjed minn elf u hames mitt euro (1,500).*

*(2) Jekk l-iskop tal-ingurja jkun li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' dak li kontra tieghu tkun giet maghmula, il-piena hija l-prigunerija minn tnax-il xahar sa sentejn u ghal multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (700) u mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500)."*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Carmelo Bugeja***,[1] il-Qorti b'referenza ghall-artikolu surriferit tenniet:

***"Difatti l-Professur Sir Anthony Mamo, citat anke mill-appellant, jghid fin-Noti tieghu:***
***"In re: 'The Police vs George Ellul' (Criminal Appeal, 30th September 1944), Harding J. quoting Chaveau et Helie held that for the application of section 92 [illum lartikolu 93] the presence of the Judge or Magistrate or other judicial functionary is necessary so that the insult shall have been hurled to his face, and that he shall have heard the words or noticed the fact constituting the outrage. The same principle was also affirmed in re: 'The Police vs Arciocovich' (Criminal Appeal, 17th November 1909 - Law Reports Vol. XX, P. iv, page 37) and in re: 'The Police vs Leone' (Criminal Appeal 23rd May 1910 - Law Reports Vol. XXI, P. iv, page 27), although those two judgements were not concerned directly with the application of Section 92 but with Section 94. Of course, though the crime under Section 92 does not arise, according to this doctrine, where the threat or insult is committed in the absence of the Judge, Magistrate or other judicial functionary, the offence of insult or threat under Sections 263, 265, 353(i)(e), as the case may be, will always remain and the offender may be punished under these provisions. In other words, where the threat or insult is committed in the absence of the functionary it is dealt with as a threat or insult against any other private individual, but of course the character of the person offended may be taken into consideration in assessing an adequate punishment."***[2]

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Gunju 2005.
[2] Revised Edition 1954 - 1955, p. 45.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Amante Camilleri***[3] il-Qorti rriteniet li diskors fis-sens li l-pulizija ippruvaw jaghmlu *frame up*, bla dubbju ta' xejn, huwa ingurjuz ghaliex jimplika li l-ufficjali tal-pulizija kkoncernati kienu qeghdin jaghmlu att illegali u infami billi jippjantaw provi jew ibaghbsu maghhom bl-iskop li jinkastraw lill-imputat. Il-Qorti rreferiet ghal dak li kien intqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar*** mill-Imhallef Harding fit-12 ta' Dicembru 1936 ossija:

*"biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ngurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pproferiti fil-presenza tal-ufficjal inkwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dik ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe' dana l-animus injuriandi, jigi present, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe' bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anki jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuzi, jista' jaghti l-kaz li jkunu intqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jocandi) jew filwaqt li l-agent li jkun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dak il-kliem ikun intqal animus reclamandi;"*

Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs David Ellul***,[4] il-Qorti tenniet:

*"It-tieni imputazzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali liema artikolu jitratta l-ingurji kontra ufficjali pubblici waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Illi huwa pacifiku li dan id-diskors "Hallelin tal-pajjiz" intqal mill-imputat fil-konfront tal-ufficjali pubblici PS 647 u PS 164. Bid-dovut rispett, dawn il-kliem mistqarra fil-kuntest partikolari u rivolti lejn ufficjali pubblici jikostitwixxu precizament reat ta' ingurja kontra ufficjali pubblici skond l-artikolu 95. Dan ukoll skond il-gurisprudenza mhux biss dik lokali izda ukoll dik Taljana fuq il-materja. Hekk per ezempju l-Padovani, fix-xoghol tieghu Le Fonti del Diritto Italiano, Codice Penale fil-paragrafu numru 3, pagna 3546, jghid is-segwenti fuq it-tifsira tal-ingurja :- "La condotta materiale concretante il reato si realizza con qualsiasi manifestazione di disprezzo o disistima, purche avvenuta alla presenza dell'offeso ... La natura offensiva dell-espressione puo essere ritenuta*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru, 1997
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Jannar, 2013

*anche solamente in relazione a specifiche qualita personali dell'soggetto passivo (Antolisei, PS I 14 197), pur se risulta pacifico che non ha rilievo la particolare suscettibilita` della persona offesa dovendo, la lesione del bene giuridico, essere considerate in termini oggettivi, comunque il significato offensive di una frase va valutato in relazione al contesto in cui e pronunciata ..... Per valutare se l'espressione utilizzata e idonea a ledere il bene protetto dalla norma incriminatrice occorre fare a riferimento ad un criterio di media convenzionale in rapporto alla personalita dell'offeso e del offensore nonche al contesto nel quale detta espressione sia stata pronunciata e dalla coscienza sociale .... La persona offesa, per parte sua, deve non solo essere presente ma deve anche aver percepito l'inguria e secondo taluna (Spasari, 24, 484; contra Manzini VIII 532) averne compreso la valenza offensive".*

Illi dawn l-insenjamenti nonostante li jirreferu ghall-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali japplikaw ukoll ghall-artikolu 93 tal-Kapitolu 9.

Din il-Qorti tqis li fid-dawl ta' dak suespost gie ppruvat li l-imputat ingurja lill-Magistrat Vella. Fost il-kwaliltajiet li ghandu jkollu gudikant hemm l-indipendenza, l-imparzjalita', l-integrita' u l-kompetenza. Meta wiehed jevalwa d-diskors li qal l-imputat u cioe` "*bullshit", "whitewash" u "article 339 does not need any intention"* jirrizulta illi dan id-diskors intqal ghaliex l-imputat ma qabilx mas-sentenza li giet pronunzjata fil-konfront ta' Helen Milligan, fejn huwa kien kwerelant. Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita x-xhieda tal-Ispettur Bernard C. Spiteri u tal-Magistrat Vella illi l-kliem imsemmi hawn fuq kienu diretti lejn il-Magistrat, anke jekk ghall-grazzja tal-argument huwa ma kienx qieghed ihares direttament lejha. Illi t-theddida jew l-ingurja diretta lejn il-gudikant ma hemmx ghalfejn tkun wahda diretta. Kif jghallimna l-Professur Mamo:

*"Any insult or threat is sufficient to constitute this first ingredient of this crime. These may consist in words spoken or written, gestures, drawings or other means calculated to destroy or lessen the reputation of the person against whom they are addressed or uttered or used or to hurt the feelings or give offence to such person. The insult may be specific or may consist in vague expressions or indeterminate reproaches or words or acts merely indecent or offensive."*

L-Antolisei fil-Manuale di Diritto Penali jgħid hekk fuq l-inġurja: '*Il secondo requisito e' costituito da un 'offesa all'altrui reputazione'. La reputazione non e' altro che il riflesso oggettivo dell'onore inteso in senso ampio, e cioe' la valutazione che il pubblico fa del pregio dall'individuo e, quindi, la stima che questi gode fra i consociati. Salvo tale particolarita', che concerne il punto di vista del giudizio, la base della reputazione e' la stessa di quell'onore e decoro di cui il codice parla a proposito dell'ingiuria e, percio' comprende tutte le qualita' (morali, intellettuali, fisiche, ecc) che concorrono a determinare il valore sociale della persona. Cosi' e' diffamatorio affermare che un impiegato si lascia corrompere; che un professionista non conosce il suo mestiere; ecc."*

L-istess awtur jikkommenta wkoll dwar l-element ta' l-intenzjoni. Huwa jikteb: *"Una notevole corrente dottrinaria considera necessario il c.d. 'animus iniurandi' vale a dire, l'intenzione di offendere la persona, di ledere il suo sentimento dell'onore. Questa opinione si riallaccia alla teoria enunciata in generale per i delitti contro l'onore (e, quindi anche per la diffamazione) specialmente dal Florian, il quale con molto fervore ha propugnato la tesi che carttristica essenziale dei delitti medesimi sia l'antisocialita' del movente dell'azione. In tale direttiva si e' sostenuto che il dolo e' escluso dall'animus corrigendi, consulendi, narrandi, defendendi, iocandi, ecc."*

Il-kliem imlissna mill-imputat certament li huma insulti u wkoll ingurjuzi fil-konfront tal-Magistrat Vella ghaliex b'dak li qal l-imputat ried ifisser illi l-Magistrat Vella iddecidiet kif iddecidiet biex tehles mill-kaz u li ma kinitx taf l-elementi bazi tal-ligi.[5] Illi minn dak li setghet tivvaluta din il-Qorti, l-ewwel imputazzjoni fil-kawza kontra Helen Katrina Milligan fil-fatt kienet delitt ai termini tal-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali (illum abrogat) u t-tieni imputazzjoni kienet wahda ta' natura kontravvenzjali. Illi l-mansjoni ta' din il-Qorti certament mhix li tissindika dak li ddecidiet Qorti ohra.

Illi ghalhekk, hawnhekk jirrizulta li giet proprju attakkata l-integrita' tal-gudikant waqt li kienet qed taghmel id-dmirjiet taghha.

Naturalment persuna tista' ma taqbilx ma' decizjoni li tkun ittiehdet u dan is-sentiment tesprimih, pero` mhux bil-mod kif esprimih l-imputat. Jekk deherlu li l-Magistrat kienet iddecidiet hazin, seta' juza' r-rimedji u l-*fora* pprovduti mil-ligi. Il-ligi nnifisha tipprovdi r-rimedji jekk persuna thossha li xi dritt taghha gie mittiefes jew ma giex rispettat fit-totalita' tieghu jew li tkun ittiehdet decizjoni hazina fil-konfront tieghu.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 93 (1) u (2) tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-imputat Anthony Xuereb hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal tnax (12)-il xahar prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghdin jigu sospizi ghal zmien sittax (16)-il xahar mil-lum u multa ta' tmien mitt ewro (€800), filwaqt li tilliberah mit-tielet imputazzjoni stante li l-imputazzjonji ma tirrizultax li tikkostitwixxi xi reat, u mir-raba', l-hames u s-sitt imputazzjoni peress li dawn gew preskritti bid-dekors ta' tliet (3) xhur ai termini tal-artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali.

---

[5] Skond il-Collins English Dictionary *"Whitewash is an attempt to hide the unpleasant facts or truth about someone or something."*

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-Magistrat Dr. Monica Vella, torbot lill-hati b'garanzija personali a favur ta' l-istess Magistrat Vella ghal zmien ta' tnax-il xahar mil-lum u dan skont il-kundizzjonijiet fid-digriet moghti kontestwalment ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.  Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk jikser l-obligazzjoni fuqu imposta a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Silvana Grech**
**Deputat Registratur**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**

**OBBLIGAZZJONI GHAS-SIGURTA' TA' PERSUNA U BIEX JINZAMM IL-BON ORDNI SKOND L-ARTIKOLU 383(1) TAL-KODICI KRIMINALI**

**Illum 18 ta' Ottubru 2019.**

**GHAL dak kollu li tghid u trid id-decizjoni ta' din il-Qorti tat-18 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Anthony Xuereb*, jien Anthony Xuereb hawn taht iffirmat, nobbliga ruhi li nzomm il-kwiet mal-Magistrat Dr. Monica Vella u li nzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni, nobbliga ruhi li nhallas is-somma ta' elf ewro (€1000) penali, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' issehh ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**……………………………….**
**Anthony Xuereb**
**Numru ta' Identita' 36966 G**

**Maghmula u ffirmata quddiemi**
**Magistrat Dr. Charmaine Galea**

**Silvana Grech**
**Deputat Registratur**